**267. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u tal-Intern l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubbblika ta' Malta beħsiebu jagħti b'ċens lil Medisle Holidays Company Limited bini f'St Andrews, deskritti aħjar fl-Abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu (c) tas-subartiklu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni specjali tal-Kamra tad- Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni specjali tal-Kamra tad- Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-bini f'St Andrews jistgħu jiġu mogħtija lill-imsemmija Medisle Holidays Company Limited għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz ta' kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il- Mejda tal-Kamra.

27.12.90